

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2023/1478

tas-26 ta' Ġunju 2023

dwar l-allokkazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont il-Protokoll ta' Implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Madagascar (2023–2027)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-Sajd bejn ir-Repubblika tal-Madagascar ("il-Madagascar") u l-Komunità Ewropea ⁽¹⁾ (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim tal-2007"), approvat mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 31/2008 ⁽²⁾, daħal fis-seħħ b'mod provviżorju fl-1 ta' Jannar 2007. Il-Protokoll tiegħu li jstabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti mill-Ftehim tal-2007, li ġie applikat mill-istess jum, ġie sostitwit diversi drabi.
- (2) L-aktar protokoll reċenti għall-Ftehim tal-2007 skada fil-31 ta' Diċembru 2018.
- (3) Fl-4 ta' Ġunju 2018, il-Kunsill adotta deċiżjoni li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati ma' Madagascar għall-konklużjoni ta' Ftehim ta' Sħubija ġdid dwar is-Sajd Sostenibbli (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim") u protokoll ġdid li jimplementa l-Ftehim (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Protokoll").
- (4) Bejn Lulju 2018 u Ottubru 2022, saru tmien ċikli ta' negozjati ma' Madagascar għall-Ftehim u l-Protokoll. Dawn in-negozjati ġew finalizzati u l-Ftehim u l-Protokoll ġew inizjalati fit-28 ta' Ottubru 2022.
- (5) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1476 ⁽³⁾, il-Ftehim u l-Protokoll ġew iffirmati fit-30 ta' Ġunju 2023.
- (6) L-opportunitajiet tas-sajd previsti fil-Protokoll għall-istokkijiet ta' ħut li jpassu ħafna, stabbiliti f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet u r-risoluzzjonijiet adottati mill-Kummissjoni dwar it-Tonn tal-Oċean Indjan, jenħtieġ li jiġu allokat i fost l-Istati Membri għall-perjodu kollu tal-applikazzjoni tiegħu.
- (7) Dawn il-miżuri huma urġenti, minħabba l-importanza ekonomika tal-attivitatiet tas-sajd tal-Unjoni fiż-żona tas-sajd ta' Madagascar u l-ħtieġa li titnaqqas kemm jista' jkun l-interruzzjoni ta' dawn l-attivitatiet. Għalhekk, il-Protokoll se japplika b'mod provviżorju mill-1 ta' Lulju 2023, sabiex il-bastimenti tal-Unjoni jkunu jistgħu jkomplu bl-attivitatiet tas-sajd malajr kemm jista' jkun. Għalhekk jenħtieġ li dan ir-Regolament jibda japplika minn dik l-istess data. Għal raġunijiet ta' urġenza, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ minnufih wara li jiġi ppubblikat,

⁽¹⁾ ĠU L 331, 17.12.2007, p. 7

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 31/2008 tal-15 ta' Novembru 2007 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Madagascar (ĠU L 15, 18.1.2008, p. 1).

⁽³⁾ Ara l-paġna 23 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oppportunitajiet tas-sajd stabbiliti mill-Protokoll għandhom jitqassmu fost l-Istati Membri kif ġej, matul il-perjodu kollu tal-applikazzjoni tal-Protokoll:

(a) bastimenti tas-sajd għat-tonn bit-tartarun:

Spanja:	16-il	bastiment
Franza:	15-il	bastiment
L-Italja:	bastiment	1
Total:	32	bastiment;

(b) bastimenti li jistadu bil-konz tal-wiċċ b'tunnellaġġ gross ta' aktar minn 100;

Spanja:	7	bastimenti
Franza:	4	bastimenti
Il-Portugall:	2	bastimenti
Total:	13-il	bastiment;

(c) bastimenti li jistadu bil-konz tal-wiċċ b'tunnellaġġ gross ta' 100 jew inqas;

Franza:	20	bastiment
Total	20	bastiment.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu jibda japplika mit-30 ta' Ġunju 2023.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, is-26 ta' Ġunju 2023.

Għall-Kunsill
Il-President
P. KULLGREN